MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2006

Citazzjoni Numru. 558/2003

**Benjamin Sammut**

***Versus***

***Meli Bugeja & Co. Limited***

F'din il-kawża l-attur qiegħed ifittex għad-danni li ġarrab meta korra waqt li kien qiegħed jaħdem għas-soċjetà konvenuta.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi l-attur huwa ħaddiem tax-xatt. Fil-15 ta' Lulju 2002, meta, imqabbad mis-soċjetà attriċi, kien qiegħed jaħdem fuq ħatt ta' *pallets* tal-ġibs mill-bastiment *Lodge Star* li kien sorġut f'*Deep Water Quay*, il-Marsa, l-attur korra u minħabba f'hekk ġarrab diżabilità permanenti, telf ta' qligħ u danni konsegwenzjali.

Billi qiegħed igħid illi dan seħħ bi ħtija tas-soċjetà konvenuta, iżda għalxejn sejħilha, ukoll b'ittra uffiċjali tal-10 ta' Marzu 2003, biex tersaq għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni, l-attur fetaħ din il-kawża u qiegħed jitlob illi l-qorti, wara li (1) tgħid illi s-soċjetà konvenuta taħti għall-

inċident tal-15 ta' Lulju 2002, (2) tillikwida d-danni li ġarrab l-attur u (3) tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas id-danni hekk likwidati, flimkien ma' l-ispejjeż, fosthom dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-10 ta' Marzu 2003, u l-imgħaxijiet.

Is-soċjetà konvenuta wieġbet illi t-talbiet ta' l-attur għanhom jiġu miċħuda għax l-inċident ma seħħx bi ħtija tagħha u għaldaqstant ma hemmx danni li għandhom jiġu likwidati biex tagħmel tajjeb għalihom hi.

L-inċident seħħ hekk:

Is-soċjetà konvenuta importat kwantità ta' ġibs li waslitilha fuq il-bastiment *Lodge Star*. Din il-konsenja kienet f'numru ta' *pallets* jew boroż li kienu stivati f'saffi fil-bastiment. Biex tinħatt il-konsenja fuq talba tas-soċjetà konvenuta ntbagħtu ħaddiema tax-xatt, fosthom l-attur, li bdew iħottu taħt id-direzzjoni ta' *foreman* tas-soċjetà konvenuta.

Il-ħatt kien isir billi l-ħaddiema tax-xatt iqabbdu l-*pallets* waħda waħda ma' ganċ biex jitniżżlu minn fuq il-bastiment. Biex iqabbdu l-ganċ il-ħaddiema tax-xatt kienu jirfsu fuq il-*pallets* stess. Billi dawn il-*pallets* kienu stivati fuq xulxin f'saffi, u t-truf tagħhom ma humiex dritti, ikun hemm xquq bejn *pallet* u oħra. Is-soltu, biex saqajn il-ħaddiema li jkunu qegħdin jirfsu fuq il-*pallets* ma jidħlux fix-xquq bejn *pallet* u oħra, bejn saff u ieħor ikun hemm biċċiet tal-kartun. Fil-każ tallum, iżda, ma kien hemm xejn bejn saff u ieħor u għalhekk il-ħaddiema kellhom joqogħdu attenti illi ma tidħlilhomx sieqhom f'xi xaqq u fl-istess ħin kellhom ukoll iħarsu l-fuq biex jaraw illi ma jintlaqtux bil-*pallets* waqt li dawn ikunu jittellgħu bil-ganċ.

Ġara illi l-attur tfixkel għax weħlitlu siequ fil-*plastic* bejn il-*pallets*, u tkaxkar għal tulu ma' l-art. Billi qiegħed igħid illi korra u ġarrab debilità li ma jfieqx minnha, qiegħed issa jfittex lis-soċjetà konvenuta għad-danni. Din is-sentenza tallum hija biss dwar jekk il-konvenuta taħtix għal dak li ġara.

Is-soċjetà konvenuta qiegħda tgħid illi l-konvenut ma kienx impjegat tagħha meta seħħ l-inċident, u għaldaqstant id-dispożizzjonijiet tal-liġi li jirregolaw id-dmirijiet illi min iħaddem għandu lejn dawk li jaħdmu miegħu ma jgħoddux għall-każ.

Dan huwa minnu għax l-attur huwa ħaddiem tax-xatt, impjegat mhux mas-soċjetà konvenuta iżda ma dak li kien

l-Iskema tal-Ħaddiema tax-Xatt. Dan iżda ma jfissirx illi s-soċjetà konvenuta hija awtomatikament meħlusa minn kull responsabbiltà għax ir-responsabbiltà għal inċidenti fuq il-post tax-xogħol ma tqumx biss mir-relazzjoni ta' bejn ħaddiem u min iħaddmu.

Għalkemm min iqabbad lil min jagħmillu biċċa xogħol — bħal ma s-soċjetà konvenuta qabbdet lill-Iskema tal-Ħaddiema tax-Xatt — ma għandux l-istess dmirijiet bħal ma għandu min iħaddem lejn l-impjegati tiegħu biex joħloq ambjent ta' xogħol nieqes minn perikoli, madankollu, meta l-ambjent tax-xogħol qiegħed taħt il-kontroll tiegħu, min jagħti x-xogħol għandu dmir illi jagħmel dak li hu raġonevolment meħtieġ u prattiku biex jelimina jew, għall-inqas, inaqqas il-perikoli u r-riskji għal dawk li hu jqabbad biex jagħmlu xogħol fl-interess tiegħu f'dak l-ambjent. Il-kriterju għalhekk, fil-fehma ta' din il-qorti, huwa jekk il-post tax-xogħol huwiex taħt il-kontroll ta' min jagħti x-xogħol.

Is-soċjetà konvenuta tgħid illi hi ma kinitx l-aġent tal-bastiment iżda biss importatriċi, u għalhekk ma kellhiex kontroll fuq il-bastiment. Madankollu, ix-xogħol ta' ħatt kien qiegħed isir taħt id-direzzjoni ta' *foreman* imqabbad minnha, bis-setgħa li jagħti ordnijiet lill-ħaddiema. Is-soċjetà konvenuta għalhekk, permezz tal-*foreman* li kien qiegħed fuq il-post f'isimha, kellha kontroll fuq il-post tax-xogħol u, konsegwentement, kellha wkoll id-dmir illi tidentifika l-perikoli u tagħmel dak li hu raġonevolment meħtieġ u prattiku biex dawk il-perikoli teliminahom jew tnaqqashom.

Minħabba fin-nuqqas li jitqiegħdu pjanċi jew *separators* bejn saff u ieħor tal-*pallets*, l-attur kien qiegħed ikollu jirfes fuq art instabbli. Ma setax iżomm għajnejh dejjem fuq l-art għax kellu jħares ukoll lejn il-*pallets* waqt li jkunu qegħdin jinġibdu 'l fuq li ma jintlaqatx minn xi waħda minnhom. Il-perikolu kien wieħed magħruf, għax f'okkażjonijiet oħra, proprju biex jiġi eleiminat il-perikolu li xi ħadd tidħollu siequ fl-ispazju bejn *pallet* u oħra, kienu jitqiegħdu *separators* biex joħolqu art lixxa u kontinwa bejn saff u ieħor ta'*pallets.*

Il-qorti għalhekk hija tal-fehma illi s-soċjetà konvenuta naqset milli tagħmel dak li hu raġonevolment meħtieġ u prattiku biex telimina jew tnaqqas il-perikolu għal min

jaħdem f'ambjent li fuqu hi kellha kontroll permezz tal-*foreman* tagħha.

Il-qorti hija tal-fehma wkoll, iżda, illi lanqas l-attur stess ma kien ħieles minn ħija. L-attur xehed illi, għalkemm kien jaf illi n-nuqqas ta' *separators* joħloq perikolu li serta' ġie evitat, madankollu ma ġibidx l-attenzjoni tal-*foreman* għal dan. Ir-responsabbiltà ta' ħaddieħor għall-inkolumità tiegħu ma jeħlisx lill-attur mir-responsabbiltà li hu wkoll jieħu ħsieb tiegħu nnifsu u ma jibqax f'ambjent li jaf li hu ta' perikolu.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti hija tal-fehma illi l-ħtija taqa' fuq iż-żewġ partijiet f'ishma ndaqs. Għalhekk tipprovdi dwar l-ewwel talba ta' l-attur billi tgħid illi s-soċjetà konvenuta għandha nofs il-ħtija għall-inċident li fih korra l-attur fil-15 ta' Lulju 2002. Tordna li jitkompla s-smigħ għall-għanijiet tat-talbiet l-oħra.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------